# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 14**
**Rikors Guramentat Numru : 432/2014/LSO**

**Rita De Waele [K.I. Belgjana Nru. 591-4454455-26]**

**vs**

**Michele Pergolani (Nru K.I. Taljan 7751027) u Angela Maria Falanga (Nru. K.I. Taljan AM 7321371)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Rita De Waele [K.I. Belgjana Nru. 591-4454455-26] datat 19 ta’ Mejju 2014 fejn esponiet umilment u bil-gurament taghha kkonfermat li hija taf personalment bis-segwenti:

IIli l-esponenti tirrisjedi fil-fond 157, Two Gates Street, Senglea (u d-djar konnessi maghha li tniffdu sabiex gie restawrat il-palazz originali) liema fond kien id-dar matrimonjali taghha u ta' zewgha (illum mejjet) mis-sena 1988 sal-gurnata tallum;

IIli mindu gie nieqes zewgha hija baqghet tabita wahedha fil-propjeta' suriferita gewwa Senglea, liema proprjeta` baqghet dejjem fil-pussess taghha;

Illi mindu gie nieqes zewgha, l-intimat Michael Pergolani (u cioe' iben zewgha Carlo Pergolani) beda jipprentendi li l-fond *de quo* jappartjeni lilu biss;

Illi ghalhekk giet intavolata l-kawza fl-ismijiet *Rita De Waele vs Michele Pergolani* **[Rik. Nru: 358/2008/SM]** quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jigi stabbilit it-titolu ta' proprjeta' li kellha fil-fond billi zewgha kien akkwista l-proprjeta' bl-uzu ta' *mandat prestanome;*

U billi b'sentenza taghha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi rrespingiet it-talbiet kollha tar-rikorrenti; liema sentenza giet appellata billi l-esponenti kienet hasset ruhha aggravata minnha;

U billi l-intimati nhar il-Gimgha 2 ta' Mejju, 2014 b'mod abbuziv qabdu u dahlu fid-dar 157, Two Gates Street, Senglea, biddlu s-serraturi u zbarraw l-aperturi taghha b'mod ghalhekk li r-rikorrenti giet mkeccija mid-dar fil-pussess taghha meta ma kellhom l-ebda ordni definittiva li taghtihom il-pussess tad-dar;

U billi *in oltre* l-esponenti kellha l-hwejjeg u l-effetti personali kollha taghha, inkluz il-passaport; karti tal-bank u karti finanzjarji; cwievet; gojjeli; pitturi u hwejjeg ohra; u ghalhekk effettivament **l-intimati hallew l-esponenti fit-triq biss bil-hwejjeg li kellha fuqha;**

U billi dan l-agir jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti;

Illi ghalkemm ir-rikorrenti pprocediet bil-proceduri appoziti, hija baqghet michuda mill-pussess tal-dar matrimonjali taghha u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi permezz tal-agir tal-intimati, u cioe' billi b'mod abbuziv dahlu fid-dar 157, Two Gates Street, Senglea, biddlu s-serraturi u zbarraw l-aperturi taghha b'mod ghalhekk li r-rikorrenti giet vjolentement mkeccija mid-dar matrimonjali taghha u mwaqqfa mit-tgawdija tal-pussess taghha, l-intimati kkommettew spoll vjolenti u klandestin;

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi permezz tal-agir tal-intimati, u cioe` billi b'mod abbuziv zammewha l-oggetti mobbli kollha taghha inkluz izda mhux limitatament ghall-passaport taghha; karti tal-bank u karti finanzjarji; cwievet; gojjeli; pitturi u hwejjeg ohra l-intimati kkommettew spoll vjolenti u klandestin fuq l-esponenti;

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti jirrintegraw lir-rikorrenti fil-pussess pjen u shih originali tal-possedimenti taghha u dana billi jirritornawlha l-pussess liberu u vakanti ta' l-istess fond 157, Two Gates Street, Senglea (u d-djar konnessi maghha li tniffdu sabiex gie restawrat il-palazz originali) u jroddulha lura l-oggetti kollha mobbli li hadulha nkluz l-passaport taghha; il-karti tal-bank u karti finazjarji ohra; ic-cwievet; gojjelli; pitturi u kull oggetti ohra li hadu u dana taht is-supervizzjoni ta' kull espert li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-kwerela datata 2 ta' Mejju 2014 u l-ingunzjoni in subizzjoni tal-intimati.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta’ Gunju 2014.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2015 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Mario Camilleri u Dr. Mark Refalo li qed jassocja ruhu fil-patrocinju tal-attrici prezenti fl-Awla. Dehret Dr. Claire Bonello li skont ma fehmitha l-

konvenuta jezistu cirkostanzi biex ma tigix ikkonsidrata kontumaci. F'dan l-istadju, l-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti a fol 32 sa 44 tal-process, ikkonsidrat lill-konvenuti kontumaci. Id-difensuri tal-attrici jiddikjaraw li f'dan l-istadju ma fadlilhomx provi ulterjuri. Il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-12 ta' Mejju 2015 fid-9:30a.m.

Rat ir-rikors guramentat ta' Michele Pergolani datat 23 ta' April 2015 a fol 47 tal-process fejn talab lill-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 158 (10), joghgobha tawtorizzah jiggustifika l-kontumacja u sussegwentement jipprezenta r-risposta guramentata u dan taht dawk il-kondizzjonjiet u provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-rikors guramentat ta' Angela Maria Falanga datat 23 ta' April 2015 a fol 62 tal-process fejn talab lill-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 158 (10), joghgobha tawtorizzaha tiggustifika l-kontumacja u sussegwentement tipprezenta r-risposta guramentata u dan taht dawk il-kondizzjonjiet u provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr Mario Camilleri u Dr Mark Refalo u dehru l-konvenuti Michele Pergolani u Angela Maria Falanga assistiti minn Dr Claire Bonello sabiex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom. Dr Bonello talbet li Angela Maria Falanga tinghata l-fakolta` li tixhed bil-lingwa Taljana. It-talba ma kinetx opposta u l-Qorti laqghet it-talba, b'dan li l-proceduri jitkomplew bil-Malti. Xehdet bil-gurament taghha bil-lingwa Taljana

Angela Maria Falanga, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Xehed bil-gurament tieghu bil-lingwa Ingliza Michele Pergolani, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti halliet il-kawza ghal decizjoni fuq il-kontumacja tal-intimati ghas-16 ta' Lulju 2015 fid-9:30a.m., b'dan illi l-intimati ghandhom jipprezentaw nota fi zmien ghaxart ijiem (10) minn dan id-digriet, rigward is-servizz tan-notifika li saret fl-Italja, u l-attrici jkollha ghaxart ijiem (10) biex twiegeb.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Angelamaria Falanga datata 26 ta' Gunju 2015.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Michele Pergolani datata 26 ta' Gunju 2015.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ta' Rita De Waela datata 7 ta' Lulju 2015.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Settembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Inghata digriet, fejn il-Qorti : - ***"tiddikjara li r-rikors tal-konvenuti*** *Michele Pergolani u Angela Maria Falanga tat-22 ta' Lulju 2015 huwa rritu u null u tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tieghu."* Il-Qorti tat wiehed u ghoxrin gurnata (21) lill-intimati sabiex jaghmlu s-sottomissjoniijet taghhom bil-*visto*/notifika tad-difensuri tal-kontro parti li jkollu ghoxrin (20) gurnata biex iwiegeb. Il-kawza giet differita ghad-29 ta' Ottubru 2015 ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet datata 6 ta' Otturbu 2016 a fol 134 tal-process.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza ta' spoll privileggjat li r-rikorrenti tghid gie kommess mill-intimati li biddlu s-serraturi u zbarraw it-twieqi tad-dar fejn kienet qed toqghod, 157 Two Gates Street Senglea, b'mod li giet imkeccija mid-dar b'ta fuqha senduqha.

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Lulju 2015 giet michuda t-talba tal-intimati sabiex, previa l-gustifikazzjoni tal-kontumacja taghhom, jigu awtorizzati jressqu r-risposta guramentata taghhom. Ghalhekk baqghu in kontumacja.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma fil-qosor is-segwenti. Ir-rikorrenti hija armla minn Carlo Pergolani, missier l-intimat Michele, u l-fond in mertu kienet id-dar matrimonjali taghhom. Hi baqghet tghix fid-dar wara l-mewt ta' zewgha. Sussegwentement hi pprocediet kontra l-intimat b'kawza fl-istess ismijiet premessi (**Rik.Gur.358/2008/SM)** sabiex jigi rikonoxxut li l-fond kien akkwistat minn zewgha izda t-talbiet taghha gew respinti u gie rikonoxxut li l-intimat Michele Pegolani huwa s-sid. Bejn il-kontendenti llum hemm appell pendenti minn dik is-sentenza.

## Provi Prodotti

**L-attrici** xehdet b'affidavit (fol 14) u affermat li kienet ilha tirrisjedi fil-fond, *ossia* l-palazzo 155,157 u 158 f'Two Gates Street, Senglea, sa mill-akkwist tieghu mis-sena 1988/1989 flimkien ma' zewgha, Carlo Pergolani. Dan il-palazzo kien qed jigi restawrat u kien ir-residenza ordinarja taghha. Hi kienet issiefer biss sabiex izzur il-familjari taghha gewwa il-Belgju jew ghall-vakanzi. Hi u zewgha kienu jospitaw varji eventi kulturali fil-palazzo kemm artistici kif ukoll muzikali.

Xehdet li b'ordni tal-Qorti moghti fis-sena 2013, tat access lill-konvenuti biex jigu jghixu fil-fond ghall-btala u difatti gew bil-mistednin taghhom. Fid-29 ta' April 2014 gew f'Malta biex jattendu seduta tal-Qorti u hi marret torqod ghand habiba taghha billi hasset ruhha mhedda mill-intimata. Meta rritornat id-dar l-ghada, it-30 ta' April 2014, hi xehdet li l-intimata dehret irrabjata u ostili maghha u iddecidiet li tohrog taghmel passeggjata qasira biex ittiha l-opportunita' tikkalma. Izda malli harget barra, u ghalqet il-bieb ta' barra, semghet il-bieb jissakkar minn gewwa.

Hi irrealizzat li giet imsakkra barra u ghamlet rapport mal-Pulizija kif ukoll ipprezentat kwerela, izda baqa' ma ttehdux azzjoni kriminali kontra l-intimati. Hi pprezentat din il-kawza fid-19 ta' Mejju 2014 u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni numru 760/14JPG li bis-sahha tal-istess irnexxielha tottjeni l-effetti personali taghha li kienu ghadhom jinsabu fid-dar.

Hi qalet li minn dakinhar, giet eskluza milli tidhol fid-dar residenza taghha u anke milli tigbor il-posta li kienet intbaghatet f'dak l-indirizz.

Hi esebiet diversi dokumenti, u testimonjanzi minn hbieb taghha hawn Malta izda dawn mhumiex ikkonfermati bil-gurament u ghaldaqstant inamissibbli in kwantu m'humiex l-ahjar prova li trid il-Ligi.

**Konsiderazzjoni ta' Dritt**

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-kawza odjerna mhix intiza ghall-protezzjoni tad-dritt ta' proprjeta', imma hija fost dawk l-azzjonijiet possessorji kkontemplati bil-Ligi , mibnija fuq il-pussess kif ukoll fuq is-semplici detenzjoni. Il-fatt li l-pretensjonijiet petitorji tal-attrici gew respinti b'sentenza fl-ewwel istanza, (ghalkemm ghad hemm il-pendenza tal-appell), mhuwiex ta' konfort ghall-intimati. Anzi, l-azzjoni ta' spoll privileggjat huwa mmirat proprju biex jipprevjeni l-agir extra-legali ta' min jippretendi li ghandu dritt, u anke jekk eventwalment tali dritt jigi rikonoxxut.

Ikkonsidrat li ghalkemm il-konvenuti huma kontumaci dan ma jfissirx li r-rikorrenti m'ghandhiex tipprova l-kaz taghha. "*Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni*" (**"Charles Saliba vs Salvu Borg"** – Appell 27-6-1997) u "*skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f' certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti*" (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – P.A. FDP 30-6-1995).

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-elementi vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti:-

(i) *Possedisse*
(ii) *Spoliatum fuisse*
(iii) *Infra bimestre deduxisse*

Illi dan gie rilevat f'diversi sentenzi fosthom "**Margherita Fenech vs Pawla Zammit**" (12-4-1958, vol. XLII D.11. 973); "**Caterina armla Galea vs Joseph Vella**" (23-6-1965 per Onor. Dr. Edoardo Magri) u f' "**Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef**" (30-4-1991 JSP).

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti pronuncjata jirrizulta li *"materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll … … stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna".* (**"Carlo sive Charles Cardona *et vs* Francesco Tabone"** **-** A.C. 9 ta' Marzu 1992).

Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi *"din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija intiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk*

*biss - kif jghid bl-iktar mod car l-**artikolu 791 (1), Kapitolu 12**, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat".*

Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u *"de facto"* tant li gie ritenut ukoll li :

*"hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto', ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' propjeta' jew ta' servitu` fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni".* (**"Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" -** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) Tali pussess izda m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt **"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna"** - (P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"Marthese Borg vs George Borg"** - (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera tolleranza **"Joseph Vella Gatt nomine vs Joseph Camilleri** - (A.C. 26 ta' Jannar 1996).

Illi fil-fatt kull pussess, *benche*` ippruvat huwa prottett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta' *mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. (**"Saverio Farrugia vs Eugenio Borg"** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** (P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

*"Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta` tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att".*

Illi dan kollu jistabilixxi l-azzjoni tal-ispoll bhala azzjoni intiza ghaz-zamma tal-ordni pubbliku u ghar-*rule of law* tant li gie ritenut fis-sentenza **"Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia"** (A.C. 24 ta' Novembru 1957) li:-

*"L-azzjoni ta' reintegrazzjoni hija fondata fuq l-ezigenzi tal-utilita` socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja; hija intiza ghall-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess sabiex jigi mpedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh, b'mod li ghandha bhala fini r-restawrazzjoni tal-pussess skonvolt jew turbat… si tratta ta' dispozizzjoni ta' ligi eminentement ta' ordni pubbliku, li ma tirrikjedix, generalment, il-vjolenza fuq il-persuna li tkun tiddetjeni l-haga jew li tkun tgawdi d-dritt, imma l-istess hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma setax jezercitah u jezercieh minghajr l-intervent tal-Qorti."*

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati fis-sentenza **"Francesco sive Frank Busuttil vs Giacchino sive Jack**

**Scerri proprju *et nomine”*** (A. C. 6 ta' Ottubru 2000) inghad li:-

*“Kwantu ghall-element tal-pussess, ghall-azzjoni ta' spoll, bizzejjed li jkun hemm pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali ‘di fatto’, kemm il-pussess legittimu minghajr il-materjali detenzjoni tal-haga kif ukoll il-pussess ‘di diritto’ ta' min ikun akkwista l-haga”.* (Ara wkoll is-sentenza **“Carmelo Grima *et vs* Maria Baldacchino *et”*** (A. C. 19 ta' April 1999)

Il-Qorti ser tittratta dawn l-elementi b'riferenza ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

**<u>Pussess</u>**

Dwar l-element ta' pussess, l-intimati issottomettew li r-rikorrenti ma ressqitx prova tal-pussess ad ezempju, kopja tal-karta tal-identita' taghha, kontijiet tas-servizzi utili jew servizzi ohra registrati f'isimha, jew estratt mir-Registru Elettorali. Dwar din l-ahhar prova, mhuwiex kontradett li l-attrici m'ghandhiex cittadinanza Maltija u ghaldaqstant ma hemm l-ebda raguni ghaliex ghandha tkun registrata fir-Registru Elettorali ta' Malta.

Ir-rikorrenti, da parti taghha, esebiet affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament il-fatti li taw lok ghall-azzjoni odjerna. L-affidavit ghandu jinghata piz probatorju u ma hemm l-ebda raguni ghaliex il-Qorti m'ghandhiex taghti kredibbilita' lill-verzjoni tal-fatti kif esposti f'dan id-dokument.

L-intimati allegaw diversi inkonsistenzi fl-affidavit attrici, principalment fejn tghid li ilha tabita fil-fond mis-sena 1988 jew 1989 - haga impossibbli, skont l-intimati, billi l-akkwist gie finalizzat b'hames kuntratti separati minn sidien differenti, u wiehed minnhom biss gie finalizzat fis-sena 1989 filwaqt li l-ohrajn inxtraw wara. Izda dan mhuwiex inkompatibbli ma’ dak iddikjarat fl-affidavit attrici billi tghid ukoll li hi ghamlet diversi xoghlijiet ta' restawr fil-palazzo u ghexet hemm waqt li kienu qed isiru dawn ix-xoghlijiet.

Michele Pergolani, fix-xhieda tieghu[1] qal li r-rikorrenti kienet ilha ma tabita fil-fond meta biddel is-serratura ta' wiehed mill-bibien tal-fond in mertu. Din ix-xhieda inghatat waqt deposizzjoni biex jiggustifika l-kontumacja izda l-Qorti ma tistax tiskartaha gjaladarba inghatat fil-kontro-ezami tieghu.

Madanakollu l-Qorti ikkonsidrat li l-verzjoni tal-attrici hija kkoroborata minn xejn inqas hlief is-sentenza moghtija fl-istess ismijiet minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fid-29 ta' April 2014 (Dok A anness mar-rikors tat-23 ta' April 2015[2]). F'dik is-sentenza, huwa dikjarat bhala fatt ikkonstatat mill-Qorti stess li r-rikorrenti kienet izzewget lill-Carlo Pergolani u <u>kienu jabitaw fil-fond in mertu</u>. Dan hu konsistenti ma’ dak iddikjarat mir-rikorrenti fl-affidavit taghha .

Ghaldaqstant l-element tal-pussess ghall-fini ta' din l-azzjoni huwa ppruvat.

---

[1] Seduta tat-18 ta' Gunju 2015 quddiem din il-Qorti.
[2] esebit a fol.50 tal-process.

**L-att spolljattiv**

L-attrici fl-affidavit taghha xehdet li meta harget mid-dar semghet "*the unmistakable clunking noise which could only mean that she (Angela Maria Falanga) had locked me outside using the typical Maltese cast iron locks that are specifically used to lock the doors (stanga)."* Hi ma telaborax fuq dak iddikjarat fir-rikors guramentat fejn tghid li l-intimati biddlu s-serraturi u zbarraw l-aperturi. Madanakollu hi kkonfermat li ma setghetx tirritorna fid-dar u sahansitra sabet ruhha maqfula barra b'ta' fuqha senduqha, tant li kellha tirrikorri ghall-Mandat ta' Deskrizzjoni (fatt ammess anke minn Michele Pergolani fix-xhieda tieghu surriferita) fejn ottjeniet ir-ritorn ta' hwejjigha personali.

Kif gja gie osservat, Michele Pergolani ammetta li biddel serratura ta' bieb wiehed. Hu qal hekk: "*I changed one little lock because the door was not safe. When I was here in Malta in May."*[3]

Madanakollu mill-assjem tax-xhieda tal-partijiet johrog car li l-attrici m'ghandhiex izjed access ghad-dar li kienet ir-residenza taghha u jekk dan sar b'effett tat-tibdil ta' imqar serratura wahda, huwa soddisfatt dan it-tieni element rikjest mil-Ligi. Mhuwiex ikkontestat li ma tistax tidhol fid-dar ghaliex dak li jirrizulta kkontestat huwa t-titlu taghha ghad-dar li mhuwiex il-mertu ta' dawn il-proceduri.

[3] Fol 90-91 tal-process.

Ghalhekk anke dan it-tieni element huwa ppruvat salv is-segwenti riservi.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimati li ma hemmx provi li l-aperturi gew imbarrati. Inoltre rigward l-oggetti jirrizulta li xi oggetti taghha gew ritornati lura (*vide* affidavit para 14) izda taqbel mas-sottomissjoni tal-attrici li hi ghandha tigi ripristinata fil-pussess tal-effetti mobbli u oggetti li instabu fid-dar meta giet mkeccija. Ma gietx esebita kopja tal-mandat ta' deskrizzjoni esegwit fuq il-fond u din il-Qorti tqis li dan il-Mandat huwa prova tal-oggetti li kienu jinsabu fid-dar meta l-attrici giet spoljata, almenu *in parte*.

L-attrici qed titlob li jigu ritornati il-possedimenti taghha l-oggetti kollha mobbli li hadulha nkluz l-passaport taghha; il-karti tal-bank u karti finanzjarji ohra; ic-cwievet; gojjelli; pitturi u kull oggetti ohra li hadu u dana taht is-supervizzjoni ta' kull espert li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Ghal dan il-ghan il-Qorti ser tinnomina espert sabiex ihejji inventarju tal-oggetti li ttiehdu mid-dar li kienu fil-pussess tal-attrici meta giet imkeccija u sabiex dawn jigu ritornati fid-dar taht is-supervizjoni tieghu.

**It-terminu statutorju ta' Xahrejn**

Skont l-attrici l-att spolljattiv sehh fit-2 ta' Mejju 2014 li huwa konsistenti mal-perjodu li l-intimati kienu f'Malta (bejn l-20 ta' April 2014 u l-5 ta' Mejju 2014 skont Anna Maria

Falanga[4]). Din il-kawza giet intavolata fid-19 ta' Mejju 2014. B'hekk anke dan ir-rekwizit jirrizulta ppruvat.

**Pussess Vakanti**

L-attrici qed titlob il-pussess vakanti tad-dar. Izda saret riferenza wkoll ghall-ordni ta'Qorti ohra biex thalli lill-intimati jidhlu fid-dar. Din l-ordni mhix in atti u l-Qorti ghalhekk ma tistax tiehu konjizzjoni taghha. Ghalhekk it-tielet talba ser tigi akkolta minghajr pregudizzju ghall-ordnijiet li ghadhom vigenti li jhallu lill-intimati jidhlu fid-dar in mertu.

**Il-Konvenuta Anna Maria Falanga mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.**

Il-konvenuta ssostni li mhix il-legittima kontradittrici f'din il-kawza peress li bejnha u bejn Michele Pergolani jopera r-regim tas-separazzjoni tal-beni u ghaldaqstant huwa unikament is-sid tal-fond in mertu.

Huwa minnu li Michele Pergolani ammetta li biddel serratura wahda, izda mill-affidavit tar-rikorrenti jirrizulta li kienet Anna Maria Falanga li ghamlitilha l-istanga wara l-bieb biex b'hekk inbarratilha l-access. Inoltre ghalkemm huwa minnu li l-intimata mhix il-proprjetarja tal-fond, b'hekk ma jfissirx li ma kenitx kompartecipi fl-ispoll flimkien ma' zewgha.

Ghalhekk mhix estranea ghal dawn il-proceduri

[4] Xhieda fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2015.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-intimati, tiddisponi mit-talbiet attrici skont dan li gej:-

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddeciedi u tiddikjara illi permezz tal-agir tal-intimati, u cioe' billi b'mod abbuziv biddlu s-serraturi tad-dar 157 Two Gates Street Senglea b'mod ghalhekk li r-rikorrenti giet vjolentement imkeccija mid-dar residenzjali taghha u mwaqqfa mit-tgawdija tal-pussess taghha, l-istess intimati kkommettew spoll vjolenti u klandestin;

2. **Tilqa' t-tieni talba attrici** u tiddeciedi u tiddikjara illi permezz tal-agir tal-intimati, u cioe` billi b'mod abbuziv zammewlha l-oggetti mobbli kollha taghha.

3. **Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien perentorju ta' xahar millum jirrintegraw lir-rikorrenti fil-pussess liberu u vakanti ta' l-istess fond 157, Two Gates Street, Senglea (u d-djar u l-ambjenti <u>kollha</u> konnessi u li tniffdu mieghu sabiex gie restawrat il-palazz originali) u jroddulha lura c-cwievet tad-dar, *garage* u l-ambjenti kollha tad-dar, kif ukoll l-<u>oggetti kollha</u> mobbli li hadu mid-dar <u>nkluz</u> l-passaport taghha jekk din ghadha ma gietx ritornata lilha; il-karti tal-bank u karti finanzjarji ohra; gojjelli, pitturi u kull oggett ohra li hadu u dana taht is-supervizjoni ta' Vincent Ciliberti li qed jigi nominat espert sabiex ihejji inventarju tal-oggetti u jaghti dawk l-ordnijiet mehtiega sabiex jigu ritornati fid-dar u fl-ambjenti imsemmija. L-

espert ghandu jlesti l-inventarju fi zmien tliet xhur millum u jesebixxi kopja tal-istess fl-atti ta' din il-kawza u dan kollu a spejjez tal-intimati.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimati.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Ottubru 2015**